MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 213/2010

**Il-Pulizija**

**Vs**
**Gary Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Settembru, 2009 ghall-habta ta' 17.30 hrs fl-inhawi ta' Zurrieq kien ghall-kacca b'senter ikkargat waqt stagun maghluq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat ir-regolamenti 18(1)(a)u(g) tal-Avviz Legali 79/2006, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' elfejn Euro (€2000)

Ordnat il-konfiska ta’ oggetti esebiti formalment, skond l-elenku a fol. 6 tal-process.
Ordnat inoltre l-iskwalifika tal-licenzja tal-appellant ghall-garr u zamma tal-armi ghal sena.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevokaha kwantu s-sejbien ta’ htija tieghu u tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u alternattivament u minghajr pregudizzju f’kaz li dina l-Qorti tikkonferma s-sejbien ta’ htija tal-appellant li tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa w gusta fil-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad rikjest mil-ligi ghall-htija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Illi di piu, bl-akbar rispett, kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi.
Fl-umli fehma tal-appellant s-segwenti huma l-istanzi ta’ applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-ligi li kellhom influwenza fuq il-gudizzju tal-Ewwel Qorti fejn sabet htija fil-konfront tal-appellant.
Illi tenut kont tal-fatt li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija maghmula di proprio pugno mill-gudikant togat fuq ic-citazzjoni originali, liema citazzjoni mahruga kontra l-appellant ma tispecifikax a bazi ta’ liema regolamenti nhargu l-akkuzi migjuba kontra l-appellant, kien id-dmir tal-Ewwel Qorti a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li l-htija misjuba tkun iddikjarata a bazi tal-artikoli tal-ligi rilevanti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jikkontendi li l-imputazzjonijiet li taghhom gie misjub hati huma ravvisati fir-regolamenti 18(1)(g) u 18(2)(a) tar-

Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvagg (A.L. 79/2006 kif sussegwentement emendat – L.S 435.68). Ir-regolamenti citati, jesigu bhal kull delitt iehor, li mhux biss tigi ppruvata l-actus reus tal-hati izda *sine qua non* li tigi ppruvata wkoll il-mens rea tal-akkuzat. Il-provi migjuba l-quddiem mill-prosekuzzjoni f’dan il-kaz kienu l-Ispettur Alex Miruzzi fejn esebixxa l-filmat migbud mill-memebri tal-Bird Life, u l-istqarrija rilaxxata mill-appellant, kif ukoll l-affidavits ta’ PS305, PS1033 u PC1093, kif ukoll esebixxa formalment l-oggetti elevati u Dr. Andre Raine – CEO tal-Bird Life Malta li jsostni li kien fuq il-post.

L-actus reus li kellu jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni a bazi tal-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kif ukoll a bazi tar-regolamenti supra citati kellhom juru mhux biss li l-agir sar f’hin fejn l-istagun tal-kacca fit-28 ta’ Settembru, 2009 kien maghluq (cioe’ wara t-3.00 p.m.) izda ukoll u mhux biss li (a) kien hemm senter (b) li dan is-senter kien ikkargat u (c) li dan l-agir sehh fil-vettura tal-appellant.

L-appellant jissottometti li ma ngabet l-ebda prova li b’xi mod turi l-mens rea rikjesta sabiex tissussisti htija, kif ukoll li mill-asjem tal-provi migjuba minn imkien ma jirrizulta jew jista’ jigi dezunt il-mens rea tal-appellant.
Il-fatti u cirkostanzi premessi juru bic-car illi meta wiehed ihaddem ir-raguni tieghu, meta wiehed ihaddem illi hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova w il-prova trid tkun tali li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli kwantu identifikazzjoni, wiehed ma jistax isib htija w jghid li hawn ghandha c-certezza morali li trid il-ligi.
Id-difiza m’ghandha ghalfejn tipprova xejn u anke jekk ghal grazzja tal-argument, u ghal grazzja tal-argument biss, wiehed ma jistriehx fuq dak li xehed l-appellant, dan ma jfissirx li hu tenut jipprova l-innocenza tieghu, izda xorta wahda ghandu jsir l-analizi tal-provi u c-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom biex jasal ghac-certezza morali. Meta ma tkunx raġġunta c-certezza morali, kull dubju ragjonevoli irid imur favur l-akkuzat. Ovvjament, id-difiza tista’ tiskossa l-kaz tal-prosekuzzjoni ma ma jwassalx ghal grad rij=kjest mill-ligi anke permezz ta’ sottomissjonijiet li jsiru mill-interpretazzjoni u analizi tal-fatti.

Punt iehor fejn saret applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-ligi hu l-fatt kif l-Ewwel Qorti qeghda tidher tikkonkludi li x-xiehda tal-membri tal-Bird Life qeghdin jiġu msahha mill-video footage li ttiehed mill-istess xiehda, liema filmat ma ratx. Dan ma hux kaz ta' korroborazzjoni fil-vera sens tal-ligi. Fl-ewwel lok, il-video footage hadu, membru wiehed (li ma huwiex xhud f'dawn il-proceduri) u mhux kollha f'salt. Fit-tieni lok, gie ppruvat minghajr ebda dubju ragjonevoli, u zgur fuq bazi ta' probabilita' li qabel ma x-xhieda ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti huma raw dan l-istess video footage. Hu principju legali illi l-korroborazzjoni ma tfissirx ripetizzjoni. Fil-kaz odjern, il-video footage bl-ebda mod ma jista' jsahhah dak li xehdu l-istess membri. Hu ferm difficli jekk mhux impossibli fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, illi wiehed ikun konvint dak li effettivament l-istess membri raw bis-sensi taghhom x'kien qed jigri u dak li huma iddeponew dwaru ghaliex kienu raw l-istess filmat. Ghalhekk, meta l-Ewwel Qorti dehret li qed tiehu bhala vangelu dak li ddeponew l-istess membri hija kienet qeghda tapplika w tinterpreta il-principju ta' korroborazzjoni skorrettament. Dan il-punt ser jigi dibattut aktar tard f'dan ir-rikors.

Principju iehor li l-Ewwel Qorti applikat skorrettament, hu t-tifsira tal-prova cirkostanzjali. L-Ewwel Qorti ma tat l-ebda attenzjoni ghad-dictum renomat illi filwaqt illi l-prova cirkostanzjali ma tigdibx pero' tista' tqarraq. Il-kontenut tal-affidavits tal-memebri tal-Korp tal-Pulizija esebiti, huma prova cirkostanzjali in parte u hearsay evidence f'partijiet ohra. Fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell dan il-punt sejjer jigi amplifikat.

Din l-imputazzjoni hija bazikament kompriza w involuta fl-ewwel imputazzjoni, jew tista' tammonta ghal xi akkuza alternattiva. Dan qed jinghad ghaliex f'din l-imputazzjoni apparti minn necessita' tal-prova tad-data w lok imsemmi l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-istess elementi imsemmija fl-ewwel imputazzjoni. Dawn kienu li l-appellant zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata jew bl-iskratac fil-kompartament ta' l-arma jew barra l-ghata taghha f'psot li mhux permess l-isparar fuq il-kacca.

Wiehed jinnota li l-unika differenza bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni hi illi fl-ewwel imputazzjoni trid issir il-prova li hu kien ghall-kacca w fit-tieni imputazzjoni li s-senter kien ikkargat fil-vettura.

L-analizi tal-provi migjuba l-quddiem f'din il-kawza kellha ssehh a bazi tal-gurisprudenza nostrana fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Zammit, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Lulju, 1998** u dan ghaliex f'dik is-sentenza gew esposti r-regoli importanti fid-decizjoni Ingliza ta' Turnbull. Din is-sentenza Ingliza kienet wahda ta' Qorti ta' revizjoni sabiex taghti certa direzzjoni li kellhu jaghti Imhallef f'kaz li kien ser ikun gudikat minn gurija. Ovvjament, il-mertu kien il-kwalita' ta' prova li tista' talvolta tkun necessarja sabiex tistabbilixxi l-identita' ta' persuna akkuzata sabiex ma jsirux zbalji gudizzjarji.

Il-provi juru li dan il-filmat ma kienx wiehed originali u kien maqtugh f'diversi partijiet meta min kien qed jigbed l-istess film ma kellu l-ebda raguni ghaliex ma jkomplix jirregistra dak li kien qed jigri allegatament quddiemu.

Minghajr pregudizzju ghal-aggravji premessi l-piena nflitta ghandha tkun anqas minn dik imposta.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-24 ta' Jannar 2011 fejn kienet iddisponiet mill-l-aggravji li kellhom x'jaqsmu mal-validita' tas-sentenza u mal-artikoli tal-Liġi li kellhom jiġu ċitati (fol 44 sa 46).

Reġgħet semgħet il-provi mill-ġdid.

Ikkonsidrat

Li minn dawn jirriżulta li x-xhud Dr Andre Raine għaraf lill-appellant fl-Awla tal-Qorti (fol 30). Huwa qal li fil-jum li fih seħħ l-inċident (wara huwa ta d-data bħala 20 ta' Settembru, 2009) huwa kien ma' żewġ kollegi meta raw ajkla. Huma bdew josservawha u imbagħad din taret 'l hemm minn fejn kienu jinsabu. Huma rawha ż-Żurrieq tinħeba wara l-bini, u waqt li kienu qegħdin jossrvawha

raw karozza bajda ġejja bil-ġiri u ssegwi ‘l fejn kienet sejra l-ajkla. . Huma saqu fl-istess direzzjoni u sabu karozza pparkjata f’nofs ta’ triq u b’persuna b’senter f’nofs ta’ triq. Dan kien wara l-ħin tat-3 ta’ wara nofs in-nhar. Dan klien qed iħares lejn is-sema u bdew jgħjatulu. Huwa nduna bhom u pprova jaħbi s-senter wara dahru. Huwa mar jiġri lura lejn il-karozza tiegħu u beda jsuq lura għan-naħa tagħhom. Allura x-xhud kellu jneħħi l-karozza tiegħu u jċedi. (fol 30). Huwa kien resaq sew lejn in-naħa ta’ wara tal-karozza tax-xhud u imbagħad beda jsuq b’veloċita’ qawwija. Dak il-ħin ċemplu lill-ALE. Huemm raw l-video li kienu ġibdu x-xhud u sħabu u n-numru tal-karozza.

Huwa reġa’ kkonferma li kien qed jara l-persuna li kienet bis-senter f’idejha.

Fil-kontro-eżami huwa nnega li l-individwu li ħarab kellu s-senter f’idejh. Huwa baqa’ jinsisti li l-appellant kien il-persuna li huma raw isuq quddiemhom jiġri wara l-ajkla.

Xehed ukoll l-Ispettur mIruzzi li qal li fit-28 ta’ Settembru 2009 huma kienu infurmati minn Dr Andre Raine tal-Birlife Malta li kienu qed jiffolowjaw ajkla fl-inħawi ta’ Ħaġar Qim iż-Żurrieq u kien hemm xi nies jiġru wara l-ajkla bil-vetturi tagħhom. Kine hemm żewġ persuni b’senter f’idejhom u kien ġibdilhom xi filmat. Il-vettura kellha n-numru tar-reġistrazzjoni KBE 446. Din kienet tgħajjat lil Gary Grech, l-appellant. Xi siegħa u nofs wara kien infurmat minn PS 305 li dan Gary Grech kein irriotrna minn fejn kien u kien għaddilhom l-arma u l-munizzjoni (fol 33).

Kien kellem lil Gary Grech u urieh il-film fejn jdiher Gary Grech dieħel fil-vettura b’arma tan-nar f’idu u persuna oħra li taħrab minnn fuq il-post. Huwa kien mar hemm hekk għax ra xi żewġ gamimiet. Fl-istqarrija ma kienx wieġeb għall-maġġoranza tad-domandi. L-istaġun tal-kaċċa dak in-nhar kien jagħlaq fit-3.00pm. L-appellant kien qiegħed barra bis-senter f’idejh sew wara t-tleita ta’ wara nofs in-nhar.

Il-Qoti eżaminat ukoll l-affidavits li kienu esibiti quddiem l-Ewwel Qorti.

Mill-affidavait ta’ PS 1033 Sandro Mangion jirriżulta li fit-28 ta’ Settembru 2009 għall-ħabta tal-17.30 Dr.A. Raine mill-Birlife Malta rraporta lill-pUlizija tal-ALE illi fl-inħawi taż-Żurrieq fejn il-Garden of Eden persuna kienet għadha kemm sparat b’senter fi triq pubblika lejn id-direzzjoni ta’ ajkla. Din kellha karozza bin-numru tar-eġistrzzjoni KBE-446. Hu u pulizija oħrajn kienu raw video miġbud mill-istess Dr Raine li fiha kien jdiher persuna b’senter barra l=gata fi triq pubblika u war rikeb fil-vettura KBE 446 u taħrab b’veloċita’ minn fqu il-post. Fuq l-istess video dehret persuna oħra u taqbeż ċint ta’ għalqa.

Meta marru fir-residenza tal-appelalnt fejn il-bieb innutraw senter, ċintorin tal-iskrataċċ u baskett ieħor li kien mimli bl-iskrataċ ukoll. Dawn kienu elevati. . Meta l-appellant kien mistoqsi jekk is-senter li nstab wara ll-bieb tad-dar t’ommu kienx l-istess senter li kien għall-kaċċa bih fejn il-Garden of Eden dan wieġeb li ‘iva’.

Mill-affidavat ta’ PC 1093 James Cardona, jirriżulta li fit-28 ta’ Settembru, 2009 għall-ħabta tas-17.30 intalbu biex imorru iż-Żurrieq fl-inħawi tal-Garden of Eden biex jaraw isibux il-karozza KBE 446. Fit-8.30pm huma kienu marru fir-residenza ta’ Gary Grech fejn kienu elevati senter tal-kaċċa P/Beretta sn/V/73718/E, ċintorin li kellu 37 skartoċċ, baskett li kien fih 136 skartoċċ, radio li jintuża għall-kaċċa kif ukoll sfafar. Gary Grech kien msitoqsi jekk dak is-senter li kien hemm wara l-bieb kienx li jintuża meta kein fl-inħawi tal-Garden of Eden fiż-Żurrieq , l-appellant wieġeb fil-pożittiv.

Il-Qorti rat ukoll il-filmat fejn tidher bl-ebda dubju ta’ xejn il-karozza msemmija, li t-triq kienet pubblika u persuna oħra (li f’idejha jidher li kellha xi mobiles għax instemgħet ukoll titħaddet fuqu) taqbeż ħajt tas-sejjieħ.

L-abbli Prosekutur tal-appellant jissottometti li d-data li uża Dr Raine meta xehed hija ħażina.

Dan huwa veru għax hu semma l-20 u mhux it-28 ta’ Settembru. Biss il-Qorti qed iżżomm quddiem għajnejha li

fil-proċeduri hemm żewġ affidavits li jagħtu id-data u l-ħin ta’ meta l-Pulizija kellha l-ewwel kuntatt ma’ Dr Raine. Barra dan hemm ix-xhieda tal-Ispettur Miruzzi. Dawn kollha jaqblu li d-data kienet it-28 ta’ Settembru. Il-fatt li Dr Raine kien qed jerġa’ jixhed wara li x-xhieda tiegħu ma kenitx reġistrata quddiem l-Ewwel Qorti ma jeskludix li issa x-xhud ma joħroġx id-data eżatt. Madankollu minħabba li jeżistu tliet verżjonijiet li jagħtu d-data korretta, il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi li kien ippruvat b’mod mill-aktar ċar id-data indikata mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni. Ghalhekk dan l-argument qed ikun respint.

L-appellant jikteb fit-tul fuq l-identifikazzjoni jsemmi id-deċiżjoni tal-Appell Kriminali tas-16 ta’ Lulju 1998 dwar l-identifikazzjoni. Bir-rispett kollu, għalkemm dik il-Qorti ipperorat fit-tul dwar l-identifikazzjoni, il-qofol ta’ dik is-sentenza kien li tnejn min-nies
kienu identifikaw l-allegat persuna li għamlet ir-reat permezz ta’ ritratt li raw flimkien.

Hawn l-identifikazzjoni saret mod ieħor. Mhux biss Dr Raine identifika lill-appellant fl-Awla, iżda kien hemm ukoll il-karozza tiegħu, il-filmat u l-ammissjoni tal-appellant stess li liż-żewġ Pulizija, jiġifieri lill-PC 1093 James Cardona u PS 1033 Sandro Mangion qalilhom li s-senter li kien fir-residenza tiegħu kien dak li intuża aktar qabel fl-inħawi tal-Garden of Eden ġewwa ż-Żurrieq. Din mhix hearsay evidence għaliex din hija evidenza li l-appellant stess qed jagħti dwaru nnifsu u mhux x’qal ħadd ieħor dwar x’għamel l-appellant. Għalhekk din il-Qorti m’għandha ebda dubju dwar l-identifikazzjoni tal-appellant.

Dwar il-ħin ta’ meta l-appellant intlemaħ bis-senter, hemm ix-xhieda ta’ Dr Raine innifsu a fol 30 li jgħid li l-ħin kien wara t-3.00p.m.

Bħalma diġa’ ntqal ix-xhieda fl-affidavits mhux bilfors tammonta għal ‘hearsay evidence.’ L-ewelnett, kif diġa’ ntqal, hemm dettalji importanti mogħtija mill-imputat innifsu. U t-tieni, meta bneidem jagħmel rapport lill-Pulizija, dan ma jfissirx li r-rapport jista’ jaqabd u jiġi

injurat qisu qatt ma kien xejn għax ikun sar fil-konfront ta' terzi persuni. Xi ħadd irid jgħarraf lill-Pulizija bl-allegazzjoni li sar reat u għalhee inp-Noti li jinżammu mill-Pulizija dwar dettalji ta' ħin u tan-natura tar-reat ma jistgħux jiġu skartati qishom qatt ma kienu. L-importanti huwa li d-dettalji eventwalment ikunu msaħħa bil-ġurament.

Dwar il-ġbid tal-film, dan m'hemm dubju min minn inġibed. Lil din il-Qorti ma jħallilha ebda dubju li l-film huwa ammissibbli bħala prova bħalma huma ammissibbli bħala prova kwalunkwe cctv kemm pubbliku jew privat jew xi film jew ritratt miġbud bil-moħbi minn xi persuna sakemm ma jirriżultax li tali dokument kien inkwinat.

L-abbli difensur jissottometti li ma nġabet ebda prova dwar il-'mens rea'. F'dan il-każ l-appellant huwa kaċċatur kif jidher mill-affarijiet elevati u li għalhekk ma setax ikollu senter barra f'idejh wara l-ħinijiet tal-għeluq tal-kaċċa. 'Il-mens rea' tkun ippruvata miċ-ċirkostanzi tal-każ. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm provi biżżejjed dwar din il-'mens rea'.

L-appellant isostni wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma esploratx dak li xehed is-CEO tal-Birdlife fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 637 tal-Kap 9. Fl-apprezzament ta' prova bħal din, din il-Qorti ma tindaħalx għax kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti li rat ix-xhud u setgħet tapprezza l-provi. Madankollu, issa li din il-Qorti semgħet lil dan ix-xhud m'għandhiex għaliex ma temmnux.

L-appellant jissottometti wkoll li qabel ma xehdu quddiem l-Ewwel Onroabbli Qorti , kien ippruvat mingħajr ebda dubju raġonevoli li x-xhieda raw il-vdieo footage. Għal darb'oħra dan huwa apprezzament ta' fatt li riedet tagħmel l-Ewwel Qorti u li din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba l-konlużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti. Iżda wkoll jekk filfatt sar hekk, ma jfisser li sar xejn ħażin għaliex, ġaladarba jkun għadda ż-żmien mill-inċident, ix-xhud għandu dritt li jiffriska l-memorja tiegħu min-noti, ritratti, video u kwalunkwe dokument ieħor.

L-appellant jissottometti wkoll li l-affidavits fihom evidenza ċirkostanzjali ‘li l-Ewwel Onroabbli Qorti ma qagħdetx attenta jekk din tqarraqx’. Għal darb’oħra dan jingħad li dan kien element totalment f’idejn l-Ewwel Qorti. L-appellant hawn jidher qed jirreferi għas-sejbien tas-senter u l-iskrataċ fir-residenza tiegħu u l-ammissjoni li kien qed jużhom qabel. Skont l-appellant din l-ammissjoni mhux bilfors turi li kien qed jużhom wara t-tlieta. Bir-rispett kollu l-ammissjoni tal-istess appellant hija korroborata bix-xhieda ta’ Dr Raine li indika li l-ħin kien sew wara t-tlieta ta’ wara nofs in-nhar.

Il-Qorti qed tikkonkludi li m’hemm xejn ħażin fl-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad il-bqija tal-ewwel aggravju li ma kenitx iddisponiet minnu permezz tas-sentenza prelimianri u t-tielet aggravju. Li huwa dwar l-apprezzament tal-provi.

It-tieni aggravju huwa dwar jekk it-tieni imputazzjoni hix kompriża u involuta fl-ewwel waħda.

Fil-fehma tal-Qorti, ukoll wara li rat is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni dwar dan il-punt u s-sentenza prelimari, waqt li hemm distinzjoni bejn l-artikolu 18(1)(a) u 18(1)(g) hemm ‘mens rea’ waħda u għalhekk qed tilqa’ dan l-aggravju.

Aggravju dwar il-piena.

Dwar l-aggravju dwar il-piena, l-appellant instab ħati taħt l-istess regolamenti fil-11 ta’ Novembru 2009, jiġifieri fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni huwa kien għadu ma nstabxi hekk ħati. Fiċ-ċitazzjoni wkoll m’hemmx referenza għal xi ksur tal-istess regolamenti qabel id-data. Għalhekk il-Qorti qed tiddikjara li r-regolament applikabbli huwa l27(3)(a) tal-L.S. 504.71 u konsegwentment qed tilqa’ dan l-aggravju dwar il-piena.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 18(1)(a) u 18(1)(g) tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, u r-regolament 27(3)(a) tal-L.S.504.71, qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar il-5 ta' Mejju 2010 billi (a) tikkonfermaha fis-sejbien ta' ħtija b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija kompriża fl-ewwel imputazzjoni għar-raġuni mogħtija aktar 'il fuq; u (b) tirriformaha f'dik li hija piena billi flok il-piena ta' ħlas ta' multa €2000, il-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifka tal-liċenzja tal-imputat għall-ġarr u żamma ta' arma għal sena, tikkundannah minflok għal ħlas ta' multa ta' €1800 biss - minħabba li l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni tal-liċenzja jaqgħu taħt l-artikolu 27(3)(b) u mhux taħt l-artikolu 27(3)(a) tal-L.S.504.71.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------